C/2024/2110

11.3.2024

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(C/2024/2110)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fi żmien tliet xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

"ISTARSKI MED / ISTRSKI MED"

Nru tal-UE: PDO-HR+SI-2833 — 14.3.2022

DOP (X) IĠP ()

1. **Isem/Ismijiet**

"Istarski med / Istrski med"

2. **Stati Membri jew pajjiż terz**

Ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Repubblika tas-Slovenja

3. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel**

3.1. *Tip ta' prodott*

Klassi 1.4. Prodotti oħrajn li joriġinaw mill-annimali (bajd, għasel, diversi prodotti mill-ħalib għajr butir, eċċ.).

3.2. *Deskrizzjoni tal-prodott li għalih japplika l-isem f'(1)*

"Istarski med" / "Istrski med" huwa għasel prodott min-naħal *Apis mellifera* min-nektar tal-pjanti melliferi jew minn sekrezzjonijiet ta' partijiet ħajjin ta' pjanti jew minn eskrementi ta' insetti li jsoffu l-pjanti fuq il-partijiet ħajjin tal-pjanti, li n-naħal jiġbruhom, jittrasformawhom billi jgħaqqduhom ma' sustanzi speċifiċi tagħhom stess, jiddepożitawhom, jiddeitrawhom, jaħżnuhom u jħalluhom fix-xehda tal-għasel sabiex isiru u jimmaturaw.

Il-karatteristiċi fiżikokimiċi:

— Kontenut ta' ilma ≤ 18,6 %

— Attività tad-dijastaži ≥ 10, ħlief għall-għasel tar-robinja, li huwa ≥ 3, fuq l-iskala Schade

— HMF ≤ 15,0 mg/kg

Karatteristiċi tat-trab tad-dakra:

L-ispettru tat-trab tad-dakra tal-"Istarski med" / "Istrski med" irid jirrifletti l-veġetazzjoni taż-żona ddefinita fil-punt 4. Skont it-tip ta' għasel, it-trab tad-dakra mill-ispeċijiet tal-pjanti tan-nektar tal-familji li ġejjin jammonta għal proporzjon kbir tal-ispettru: *Fabaceae, Sapindaceae, Rhamnaceae, Cornaceae, Brassicaceae, Loranthaceae, Malvaceae, Liliaceae, Lamiaceae, Fagaceae, Rosaceae, Apiaceae, Salicaceae, Adoxaceae, Ericaceae, Asteraceae, Oleaceae, Araliaceae, Ranunculaceae, Asphodelaceae, Anacardiaceae*. Jistgħu jkunu preżenti wkoll ammonti żgħar ta' trab tad-dakra mill-ispeċijiet tal-pjanti tan-nektar tal-familji li ġejjin: *Aquifoliaceae, Boraginaceae, Amaryllidaceae, Asparagaceae, Scrophulariaceae, Urticaceae, Campanulaceae, Fumariaceae* u oħrajn.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1151/oj.

It-trab tad-dakra mill-ispeċijiet tal-pjanti mhux tan-nektar tal-familji li ġejjin jista' jkun preżenti wkoll fl-"Istarski med / Istrski med": *Quercus* spp., *Fraxinus* spp., *Helianthemum* spp., *Papaver* spp., *Plantago* spp., *Betula* spp., *Alnus* spp., *Carex* spp., *Pinus* spp., *Cistus* spp., Poaceae u Pinaceae, *Fragaria vesca, Cupressus sempervirens, Olea europaea, Filipendula ulmaria, Vitis vinifera , Corylus avellana*, u oħrajn fi proporzjonijiet iżgħar.

Il-karatteristiċi fiżikokimiċi:

Tip ta' għasel	Konduttività elettrika
Għasel tar-robinja	≤ 0,25 mS/cm
Għasel tas-salvja	0,20–0,55 mS/cm
Għasel tal-qastan	≥ 0,8 mS/cm
Għasel tan-nwar	≤ 0,8 mS/cm
Għasel mill-qtar tal-għasel ta' siġar deċidwi	≥ 0,8 mS/cm
Għasel tas-sagħtrija tax-xitwa	≤ 0,8 mS/cm
Għasel tat-tilju	0,5–1,1 mS/cm

Karatteristiċi melissopalinoloġiċi:

	Deskrizzjoni
Għasel tar-robinja	Irid ikun fih it-trab tad-dakra tar-robinja (*Robinia pseudoacacia L.*), u t-trab tad-dakra akkumpanjanti mill-pjanti li ġejjin: Rosaceae, Fabaceae, *Cornus sanguinea*, *Prunus* spp., Poaceae, *Salix* spp., *Fragaria vesca*, *Quercus* spp., *Fraxinus* spp., *Lotus* spp., *Ligustrum vulgare*, *Helianthemum* spp. Jista' jkun fih trab tad-dakra iżolat mill-pjanti li ġejjin: *Cornus mas*, *Aesculus hippocastanum*, Apiaceae, *Loranthus europaeus*, *Acer* spp., *Pinus* spp., *Plantago* spp. *Filipendula ulmaria*, *Castanea sativa*, Lamiaceae, Brassicaceae, *Asparagus* spp., *Tilia* spp., *Taraxacum officinale*, *Phacelia tanacetifolia*, *Paliurus spina christi*, *Olea europea*, Asteraceae (il-ġeneru *Solidago*).
Għasel tas-salvja	Irid ikun fih mill-inqas 15 % trab tad-dakra tas-salvja (*Salvia officinalis* L.). Jista' jkun fih trab tad-dakra akkumpanjanti mill-pjanti li ġejjin: Rosaceae, *Robinia pseudoacacia*, *Quercus* spp., *Prunus* spp., *Paliurus spina christi*, *Olea europea*, *Ligustrum vulgare*. Jista' jkun fih trab tad-dakra iżolat mill-pjanti li ġejjin: Poaceae, *Pistacia* spp., Lamiaceae, *Filipendula ulmaria*, Cornus *sanguinea*,
Għasel tal-qastan	Irid ikun fih mill-inqas 85 % trab tad-dakra tal-qastan ħelu (*Castanea sativa* Mill.). Jista' jkun fih trab tad-dakra iżolat mill-pjanti li ġejjin: *Paliurus spina christi*, Fabaceae, Rosaceae, *Pistacia* spp., *Prunus* spp., *Salix* spp.
Għasel tan-nwar	Jista' jkun fih proporzjonijiet varjabbli ta' trab tad-dakra mill-pjanti li ġejjin: Fabaceae, Rosaceae, *Quercus* spp., *Prunus* spp., Poaceae, *Paliurus spina christi*, *Acer* spp., spori fungali, *Salix* spp., Apiaceae, *Robinia pseudoacacia*, *Fraxinus* spp., *Fragaria vesca*, *Cornus sanguinea*, *Lotus* spp., *Lamiaceae*, *Castanea sativa*, *Aesculus hippocastanum*

Għasel mill-qtar tal-għasel ta' siġar deċidwi	Il-proporzjon tal-għadd ta' elementi tal-qtar tal-għasel (spori fungali, partijiet tal-ifa, algi ħodor) għall-frak tat-trab tad-dakra tal-ispeċi tal-pjanti tan-nektar irid ikun mill-inqas 1,5, bi proporzjonijiet varjabbli ta' trab tad-dakra mill-pjanti li ġejjin: Fabaceae, *Castanea sativa*, Rosaceae, *Salix* spp., *Paliurus spina christi*, *Robinia pseudoacacia*, *Cornus sanguinea*, *Prunus* spp., *Lotus* spp., Poaceae, *Quercus* spp., *Olea europea*, *Fraxinus* spp., *Filipendula ulmaria*, *Fragaria vesca*, Asteraceae (il-ġenus *Solidago*), Apiaceae, *Tilia* spp., *Taraxacum officinale*, *Pinus* spp., *Loranthus europaeus*, Liliaceae, *Ligustrum vulgare*, Lamiaceae, *Helianthemum* spp., *Cornus mas*, Brassicaceae, Asteraceae (il-ġenus *Taraxacum*), *Acer* spp.
Għasel tas-sagħtrija tax-xitwa	Irid ikun fih mill-inqas 20 % trab tad-dakra tas-sagħtrija tax-xitwa (*Satureja montana* L.). Jista' jkun fih trab tad-dakra akkumpanjanti mill-pjanti li ġejjin: *Hedera helix*, *Satureja montana*, Fabaceae, *Tilia* spp., Rosaceae. Jista' jkun fih trab tad-dakra iżolat mill-pjanti li ġejjin: *Castanea sativa*, *Echium vulgare*, *Filipendula ulmaria*, Liliaceae, Poaceae, Asteraceae (il-ġeneru *Solidago*), Asteraceae (il-ġeneru *Taraxacum*), *Centaurea jacea*, *Fragaria vesca*.
Għasel tat-tilju	Irid ikun fih mill-inqas 25 % trab tad-dakra tat-tilju (*Tilia* L.). Jista' jkun fih trab tad-dakra akkumpanjanti mill-pjanti li ġejjin: Rosaceae, *Quercus* spp., Poaceae, *Paliurus spina christi*, Fabaceae, *Castanea sativa*, *Fraxinus* spp., Asteraceae (il-ġeneru *Solidago*). Jista' jkun fih trab tad-dakra iżolat mill-pjanti li ġejjin: *Vitis vinifera*, *Trifolium* spp., *Sambucus nigra*, *Ranunculus* spp., *Phacelia tanacetifolia*, Liliaceae, *Helichrysum italicum*, *Helianthus annuus*, *Centaurea* spp., *Centaurea jacea*, *Carex* spp., Asteraceae, Apiaceae.

Karatteristiċi organolettiċi:

	Kulur	Riħa	Togħma
Għasel tar-robinja	isfar jgħajjat sa isfar, kważi bla kulur	ħafifa, ta' xehda verġni, xama' friska u fjura tar-robinja	ħelu sa ħelu ħafna, b'ħajja qasira
Għasel tas-salvja	kannella fl-aħmar, aħmar fl-oranġjo, aħmar fl-isfar, ambra, bi sfumatura ħadranija	tal-injam, pjaċevoli	kemxejn tniggeż, dejjiema, ħelwa, ftit morra
Għasel tal-qastan	kannella fl-aħmar	moderatament qawwija sa qawwija, ta' fjura tal-qastan	qawwija, morra sa morra ħafna, dejjiema moderatament ħelwa sa ħelwa
Għasel tan-nwar	isfar għal ambra skur	pjaċevoli, tal-fjuri, ta' frott mgħolli, fjuri tal-mergħa, xama' u zokkor tista' tkun punġenti	ħelwa sa ħelwa ħafna, ftit qarsa sa qarsa, dejjiema
Għasel mill-qtar tal-għasel ta' siġar deċidwi	kannella jgħajjat sa kannella fl-aħmar skur	tal-injam u l-karamella, qawwija	kemxejn tniggeż, tal-injam jew tal-karamella, moderatament ħelwa
Għasel tas-sagħtrija tax-xitwa	ambra fl-aħmar	ta' frott imqadded	ħelwa, dejjiema u ftit qarsa
Għasel tat-tilju	isfar għal ambra	prominenti, rinfreskanti, tal-fjura tat-tilju, il-mentol, il-qoxra tal-lumi u l-injam	moderatament ħelwa, kemxejn qarsa, kemxejn sa moderatament morra, rinfreskanti, dejjiema

3.3. *Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)*

—

3.4. *Passi speċifiċi tal-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika ddefinita*

Il-passi kollha tal-produzzjoni, miż-żamma tan-naħal fil-mergħa sal-estrazzjoni, iridu jsiru fiż-żona ġeografika.

3.5. *Regoli speċifiċi dwar it-tqattigħ, it-taħkik, l-ippakkjar, eċċ.*

L-imballaġġ tal-"Istarski med" / "Istrski med" isir esklussivament fiż-żona ġeografika msemmija fil-punt 4, essenzjalment biex tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-prodott u għalhekk l-oriġinalità u l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu. Dan jgħin biex titnaqqas il-possibbiltà ta' adulterazzjoni tal-prodott mit-taħlit ma' prodotti simili, li huwa aktar probabbli jekk l-imballaġġ iseħħ barra miż-żona ġeografika ddefinita.

3.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar*

Meta l-prodott jitqiegħed fis-suq f'forma ppakkjata bil-lest, l-isem "Istarski med" jew "Istrski med" irid jiġi indikat b'ittri akbar minn kwalunkwe isem ieħor fuq l-imballaġġ minn qabel. It-tikkettar irid jinkludi wkoll timbru li jkollu numru ta' identifikazzjoni progressiv u s-simbolu komuni (logo).

L-utenti kollha tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Istarski med" / "Istrski med" li jqiegħdu l-prodott fis-suq f'konformità mal-ispeċifikazzjoni tiegħu għandhom id-dritt li jużaw it-timbru, taħt l-istess kundizzjonijiet.

Is-simbolu komuni huwa qatra tal-għasel ikkulurita bi strixxi orizzontali griżi u suwed li jalternaw, imqiegħda fuq eżagonu isfar li juri xehda stilizzata. Taħt l-eżagonu hemm miktub, b'ittri kbar, "ISTARSKI MED" fil-varjant Kroat (Grafika 1) u "ISTRSKI MED" fil-varjant Sloven (Grafika 2).

Grafika 1



Grafika 2



4. Definizzjoni fil-qosor taż-żona ġeografika

Iż-żona tal-produzzjoni tal-"Istarski med" / "Istrski med" fil-Kroazja hija l-peniżola Istrijana u l-gżejjer tagħha fil-Kontea ta' Istria, segwita mill-muniċipalitajiet ta' Opatija, Lovran, Mošćenička Draga u Matulji, il-gżejjer ta' Cres u Lošinj u l-gżejjer iżgħar tagħhom ta' Unije, Ilovik, Susak u Vele Srakane, u għadd ta' gżejjer ċkejknin mhux abitati. Fis-Slovenja, iż-żona tal-produzzjoni tinkludi r-reġjun tal-Istrija Slovena, li tikkonsisti mill-muniċipalitajiet ta' Koper, Izola, Piran u Ankaran.

Fis-Slovenja, il-konfini taż-żona tal-produzzjoni jikkoinċidu mal-konfini tat-Tramuntana tal-muniċipalitajiet ta' Ankaran u Koper, li jestendu mill-qsim tal-fruntiera ta' Lazaret/Lazzaretto fuq il-fruntiera Slovena-Italjana sal-konfini bejn il-muniċipalitajiet ta' Koper u Sežana ħdejn il-park naturali ta' Dolina Glinščice/Val Rosandra. Iż-żona ġeografika tkompli tul il-fruntiera bejn il-muniċipalitajiet ta' Koper u Sežana fin-Nofsinhar tal-villaġġ ta' Ocizla u fit-Tramuntana tal-villaġġ ta' Črnotiče, qabel ma tinżel għall-park naturali ta' Slavnik u tgħaddi tul it-tarf tal-grigal tagħha sakemm tilħaq il-fruntiera mal-Kroazja….

5. Rabta maż-żona ġeografika

5.1 *Speċifiċità taż-żona ġeografika*

L-Istrija hija kkaratterizzata minn flora rikka u diversa bis-saħħa ta' għadd ta' ċirkostanzi favorevoli li tgawdi ż-żona. L-ewwel waħda minnhom hija l-pożizzjoni ġeografika tal-Istrija, segwita mill-klima, ir-riżalt, il-bażi petrografika u l-ħamrija tagħha.

Iż-żona ġeografika tgawdi minn kundizzjonijiet klimatiċi speċifiċi; il-klima hija eteroġena ħafna, prinċipalment minħabba li, bħala peniżola, l-Istrija hija mdawra fuq tliet naħat mill-baħar, iżda wkoll minħabba li tinsab fuq it-tarf tat-Tramuntana tal-Baħar Adrijatiku, fl-inkroċju bejn il-Mediterran u l-parti kontinentali tal-Ewrasja. Skont il-latitudni u l-karatteristiċi tar-riżalt, l-Istrija hija suddiviża fi tliet żoni klimatiċi. Il-parti kostali ċentrali u tan-Nofsinhar hija kkaratterizzata minn klima tal-Mediterran, filwaqt li l-parti tat-Tramuntana u l-parti aktar interna għandhom klima moderatament sħuna u umduża, bi sjuf sħan. Fit-Tramuntana, il-parti kontinentali, tipprevali klima sub-Mediterranja.

It-tipi differenti tal-"Istarski med" / "Istrski med" ivarjaw skont il-komunitajiet tal-pjanti, li jvarjaw imbagħad skont l-interazzjoni tal-klima, tal-ħamrija u tal-għajnuna. Ġeografikament, l-Istrija tinsab fuq il-linja tal-qasma bejn il-Baħar Mediterran u s-sriebet tal-muntanji Dinariċi u Alpini, għalhekk f'termini ta' veġetazzjoni hija kkaratterizzata mill-flora ta' dawk ir-reġjuni. Għalhekk hemm diversi żoni ta' veġetazzjoni fil-peniżola Istrijana, u din il-veġetazzjoni diversa hija bażi importanti għall-produzzjoni tat-tipi differenti tal-"Istarski med" / "Istrski med". Xifer dejjaq tul il-baħar jifforma żona ta' foresti li dejjem iħaddru tal-ballut u tal-arbuxell, dinja ta' pjanti li hija karatteristika dinjija tar-reġjun tal-Mediterran. Il-foresti deċidwi tal-ballut żajbri u tal-karpin Orjentali huma l-aktar forma mifruxa ta' veġetazzjoni tal-foresti fl-Istrija, mifruxa fuq il-biċċa l-kbira tal-art kontinentali tal-Istrija, mill-faxxa tal-veġetazzjoni li dejjem tħaddar li jestendu sa ħdejha, sal-partijiet ċentrali tal-Istrija. Dan it-tip ta' veġetazzjoni huwa ddominat mill-ballut żajbri jew mill-ballut komuni, li, flimkien mal-ballut tal-olm, huwa sors sinifikanti ta' qtar tal-għasel. Is-siġar tal-qastan jinstabu fuq l-inklinazzjonijiet ta' Učka, fuq Lovran, u fl-Istrija tal-Punent (Bujština), prinċipalment fil-foresti tal-karpin Orjentali u tal-ballut żajbri, minħabba l-ħamrija aċiduża fonda ffurmata fuq il-ħamrija ħamra preċedenti. Dawn il-gruppi tal-qastan ħelu jipprovdu ammonti suffiċjenti ta' nektar, u jqiegħdu ż-żona definita f'kategorija ta' reġjuni Kroati li għadha ppreservata sew, fejn huwa possibbli li jiġi prodott għasel tal-qastan li huwa eċċezzjonalment uniflorali. Hemm komunità mifruxa ta' salvja mediċinali u ħaxix tal-istipa prinċipalment fil-partijiet tax-Xlokk tal-Istrija, li jintużaw bħala pjanti tal-mergħat, li jipprovdu ammonti sinifikanti ta' nektar u jiżguraw il-produzzjoni tal-aktar tip ta' għasel prezzjuż li huwa karatteristiku għall-klima Mediterranja: l-għasel tas-salvja. Fl-istess ħin, din iż-żona hija l-punt l-aktar fit-Tramuntana li fih is-salvja mediċinali hija mifruxa fil-forma nattiva tagħha. Iż-żona tal-ballut żajbri u tal-ħaxix tax-xagħri hija l-aktar parti diversa tal-Istrija f'termini tal-veġetazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-gruppi tar-robinja jinsabu fil-parti ċentrali u tat-Tramuntana, iżda xi wħud jestendu aktar fiż-żona tal-klima tal-Mediterran, fejn jingħaqdu mal-flora tal-Mediterran biex jipprovdu riżorsi tan-nektar. Dan, flimkien mal-ispeċijiet ewlenin tal-pjanti, jaffettwa l-ispeċifiċità tal-għasel tar-robinja.

F'deskrizzjoni tal-flora tal-arċipelagu ta' Cres-Lošinj, Wallnöfer (2008) jiddikjara li mill-1 130 unità tassonomika rreġistrata, 253 ġew irrappurtati għal Cres biss, u 273 għal Lošinj biss. Fil-parti fit-Tramuntana sub-Mediterranja tal-gżira ta' Cres, l-aktar komunitajiet sinifikanti ta' veġetazzjoni tal-blat huma l-mergħat tas-salvja mediċinali, u l-komunità taż-żwien u tal-koeleria. Iż-żona ta' Osoršćice tgħodd madwar 700 speċi ta' pjanti, li jammontaw għal żewġ terzi tal-flora totali ta' Lošinj.

Milloš Furlan (2007) jgħid dwar il-karatteristiċi tal-mergħat tan-naħal fl-Istrija Slovena li "iż-żona għandha kważi l-mergħat staġjonali tipiċi kollha, mill-bidu tar-rebbiegħa sal-mergħat ewlenin tar-robinja (akaċja) u l-mergħat tal-qastan ħelu u tal-ħarifa fuq il-veġetazzjoni tal-ħarifa, segwiti mill-feġġ tal-qtar tal-għasel fuq is-siġar, u l-possibbiltà li jingħabru sustanzi ħelwin fuq diversi frott misjur, bħat-tin, l-għeneb u l-bqija."

5.2 *Speċifiċità tal-prodott*

L-ispeċifiċità tal-"Istarski med" / "Istrski med" tiġi mir-riżorsi naturali li fuqhom hija bbażata l-produzzjoni tagħha. Bħala prodott tal-ikel rari, l-għasel, minħabba l-ispeċifiċità tiegħu (il-preżenza ta' frak tat-trab tad-dakra), jipprovdi illustrazzjoni tajba taż-żona li fiha jiġi prodott. L-Istrija, li tinsab fuq il-fruntiera bejn żewġ reġjuni bijoġeografiċi – Mediterranji u kontinentali – hija reġjun eċċezzjonali fir-rigward tal-flora.

Proporzjonijiet kbar tal-ispeċijiet tal-pjanti li ġejjin jinsabu fl-għasel tal-ħarrub iswed: *Fraxinus*, pjanti tal-familja Rhamnaceae, *Salix*, *Loranthus europaeus*, *Cotinus coggyria*, *Prunus* f., *Vicia*, *Trifolium pratense* gr., *Coronilla*/*Hippocrepis*, *Chamaerops* u *Filipendula*, filwaqt li diversi studji jindikaw li l-proporzjon karatteristiku tat-trab tad-dakra tar-robinja jvarja minn 7 % sa 60 %, għalhekk meta tiġi ddeterminata l-oriġini, tingħata attenzjoni għall-identifikazzjoni ta' karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi speċifiċi.

Aktar konferma tal-oriġini tal-kampjuni tal-għasel tar-robinja ġiet ipprovduta mill-valuri baxxi ħafna ta' konduttività elettrika li nstabu (0,11-0,18 mS/cm), peress li dawk il-valuri huma tipiċi għall-għasel tar-robinja.

Ġie osservat ukoll nuqqas sħiħ ta' kristallizzazzjoni tal-għasel – proprjetà li normalment hija assoċjata mal-preżenza tan-nektar taż-żerriegħa tal-kolza. Minħabba n-nuqqas ikkonfermat tal-frak tat-trab tad-dakra taż-żerriegħa tal-kolza, nistgħu nikkonkludu li din hija karatteristika speċifika tal-għasel tal-ħarrub iswed mill-peniżola Istrijana.

L-għasel tal-qastan huwa magħruf li għandu kwantità għolja ta' trab tad-dakra, li dejjem jammonta għal aktar minn 90 % f'kampjuni mill-Istrija. Barra minn hekk, l-ispettru tat-trab tad-dakra tal-għasel tal-qastan mill-Istrija huwa differenti minn dak prodott f'pajjiżi ġirien bħal fir-reġjun tal-Alpi tal-Italja, fejn jiddomina t-trab tad-dakra tal-ispeċijiet tal-pjanti tal-veġetazzjoni tal-muntanji bħall-pjanti tal-familji *Ericaceae* u *Tilia*.

Fil-kampjuni tal-għasel tan-nwar, it-trab tad-dakra li nstab fi proporzjonijiet sinifikanti kien minn *Castanea* u *Prunus* f. u fi proporzjonijiet aktar baxxi minn *Rubus* f., *Clematis*, *Castanea*, *Brassica* f., Umbelliferae/Apiaceae, pjanti tal-familja Rhamnaceae, *Trifolium repens* gr., *Vicia*, *Melilotus* u *Coronilla*/*Hippocrepis*. L-ispeċifiċità tal-ispettru tat-trab tad-dakra hija appoġġjata aktar mill-preżenza ta' trab tad-dakra mill-ispeċijiet tal-pjanti li ġejjin li tipikament jinsabu fir-reġjun: *Ailanthus*, *Loranthus*, *Asparagus acutifolius*, *Aesculus* u *Cotinus coggyria*.

Minbarra t-tipi ta' għasel tan-nektar, dawk li jrabbu n-naħal fl-Istrija jipproduċu wkoll għasel milll-qtar tal-għasel deċidwu b'karatteristiċi speċifiċi. Analiżijiet tal-kampjuni tal-għasel urew li l-proporzjon tal-elementi tal-ġulepp tal-għasel għall-frak tat-trab tad-dakra mill-ispeċijiet tal-pjanti tan-nektar varja minn 2,03 sa 29,3, b'valur medjan ta' 8,2, li huwa ferm akbar mill-valuri meħtieġa għall-klassifikazzjoni tal-għasel mill-qtar tal-għasel (> 3). Bl-istess mod, l-analiżijiet melissopalinoloġiċi kkonfermaw spettru karatteristiku tat-trab tad-dakra li fih hemm preżenti wkoll trab tad-dakra ta' speċijiet ta' pjanti mhux tan-nektar bħal *Fraxinus*, *Quercus*, *Plantago* u Gramineae/Pocaeae. Barra minn hekk, l-ispettru karatteristiku tat-trab tad-dakra tal-ispeċijiet tal-pjanti tan-nektar jinkludi pjanti tal-familja Rhamnaceae u *Prunus* f., li kienu preżenti f'100 % tal-kampjuni, segwiti minn *Castanea*, *Rubus* f., *Compositae* T, *Brassica* f., *Asparagus acutifolius* u *Clematis*, filwaqt li *Cotinus coggyria* u *Aesculus* instabu fi proporzjonijiet kemxejn aktar baxxi.

L-ispeċifiċità tal-għasel tas-salvja mill-Istrija hija riflessa fl-oriġini botanika tiegħu u fil-preżenza akbar ta' trab tad-dakra minn *Robinia pseudoacacia*, Rosaceae, *Ligustrum vulgare*, Fabaceae, Ericaceae, *Acer* spp., *Lotus* spp. u *Salix* spp. Huwa differenti mill-għasel tas-salvja mit-Tramuntana tal-Adrijatiku, fejn il-biċċa l-kbira tat-trab tad-dakra li jinstab jiġi minn Rhamnaceae, *Acer spp*., *Castanea sativa*, *Myosotis spp*., *Prunus spp*. u *Rubus spp*., filwaqt li l-ispettru tat-trab tad-dakra fid-Dalmazja huwa kkaratterizzat mill-preżenza ta' trab tad-dakra mill- *Paliurus spina christi, Erica arborea*, *Trifolium pratense*, *Melilotus* spp., *Centaurea jacea* u Apiaceae.

Fuq il-bażi tal-ispettru tat-trab tad-dakra li nstab f'kampjuni tal-għasel tas-sagħtrija tax-xitwa li ġew analizzati, proporzjon kbir tat-trab tad-dakra kien minn *Hedera helix*, Fabaceae, *Tilia* spp., Rosaceae, *Castanea sativa*, *Echium vulgare* u Liliaceae. Dan huwa differenti b'mod sinifikanti mill-kampjuni tal-għasel minn Spanja, fejn trab tad-dakra minn *Diplotaxis* spp., *Onobrychis vicifolia*, *Centaurea* spp., *Lavandula latifolia*, *Thymus* spp. u Apiaceae jippredominaw.

Analiżijiet tal-kampjuni tal-għasel tat-tilju wrew li proporzjon kbir tat-trab tad-dakra huwa minn Rosaceae, *Paliurus spina christi*, Fabaceae, *Castanea sativa*, Asteraceae (il-ġeneru *Solidago*), Liliaceae, *Centaurea* spp. u Asteraceae. Billi jitqabblu l-ispeċijiet tal-pjanti identifikati, huwa ovvju li huma differenti minn dawk li jinsabu fl-għasel tat-tilju mill-Italja, fejn il-biċċa l-kbira tat-trab tad-dakra li nstab kien minn *Rubus* spp., *Trifolium repens*, *Robinia pseudoacacia*, *Ailanthus altissima*, *Amorpha* spp. u *Acer* spp., filwaqt li l-ispettru tat-trab tad-dakra tal-għasel tat-tilju mir-Rumanija huwa kkaratterizzat mill-preżenza ta' trab tad-dakra mill-*Brassica napus*, *Helianthus annuus*, *Melilotus* spp. u *Solidago* spp.

Dawn l-istudji u l-analiżijiet xjentifiċi li jidentifikaw taħlita ta' trab tad-dakra minn speċijiet ta' pjanti kontinentali u Mediterranji jindikaw li l-"Istarski med" / "Istrski med" huwa differenti mill-għasel prodott f'reġjuni oħra. Il-proporzjonijiet tat-trab tad-dakra ta' diversi speċijiet tal-pjanti jikkontribwixxu wkoll għall-karatteristiċi fiżikokimiċi u organolettiċi speċifiċi (kulur, togħma, riħa) tal-"Istarski med" / "Istrski med" meta mqabbla mal-istess tipi ta' għasel minn żoni ġeografiċi oħra. L-"Istarski med" / "Istrski med" huwa kkaratterizzat ukoll mill-freskezza tiegħu (valur massimu tal-HMF ta' 15,0-il % mg/kg) u kontenut tal-ilma sa 18,6-il %. Biex jiġu ppreservati dawn il-proprjetajiet, l-"Istarski med" / "Istrski med" ma jgħaddix minn trattament intensiv bis-sħana, filwaqt li jiġi żgurat li l-proprjetajiet tiegħu derivati mill-flora speċifika taż-żona tal-produzzjoni jiġu ppreservati.

5.3 *Rabta kawżal bejn l-ispeċifiċità taż-żona ġeografika u l-ispeċifiċità tal-prodott*

L-Istrija hija żona agroekoloġika unika li hija varjata ħafna f'termini ta' riżalt, ħamrija, ġeomorfoloġija u klima. L-interazzjoni ta' dawn il-fatturi tirriżulta f'kompożizzjoni floristika tipika li tifforma l-bażi għall-produzzjoni ta' varjetà ta' tipi ta' għasel. Il-varjetà u r-rikkezza ta' din il-kompożizzjoni floristika jaffettwaw direttament l-ispeċifiċità tal-"Istarski med" / "Istrski med", li hija riflessa fit-togħmiet u l-irwejjaħ speċifiċi tiegħu. It-taħlita tal-proporzjonijiet tat-trab tad-dakra li jinsab f'ċerti tipi ta' għasel tagħtihom karatteristiċi organolettiċi speċifiċi (kulur, riħa u togħma) li huma differenti minn kampjuni tal-istess tip ta' għasel minn żoni ġeografiċi oħra. Matul iż-żmien, dawk li jrabbu n-naħal fl-Istrija kkontribwew għall-proprjetajiet speċifiċi tal-għasel billi saru familjari mal-kompożizzjoni botanika u l-karatteristiċi klimatiċi tad-diversi mikrożoni, u b'hekk setgħu jsegwu b'mod aktar preċiż il-fażijiet fiċ-ċiklu tal-ħajja ta' ċerti pjanti li jipproduċu l-għasel. Billi josservaw b'attenzjoni n-natura u l-klima, dawk li jrabbu n-naħal fl-Istrija jistgħu jiddeterminaw b'mod preċiż fejn u meta għandhom ipoġġu l-kaxxi tan-naħal tagħhom, jew meta jibdew l-estrazzjoni tal-għasel, sabiex jiksbu l-karattru tipiku u l-grad għoli ta' purità tan-nektar. Dawn il-prattiki jikkontribwixxu għall-karattru uniflorali ħafna tal-għasel. L-ispeċifiċità tal-kundizzjonijiet pedoklimatiċi taż-żona tal-produzzjoni, l-esperjenza ta' ħafna snin ta' dawk li jrabbu n-naħal, u t-tradizzjoni tal-produzzjoni li tmur lura għall-bidu tal-aħħar seklu u mgħoddija minn ġenerazzjoni għal oħra, fl-aħħar mill-aħħar jagħmlu l-"Istarski med" / "Istrski med" prodott li jintgħaraf mill-konsumaturi.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

https://poljoprivreda.gov.hr/UserDocsImages/dokumenti/hrana/proizvodi_u_postupku_zastite-zoi-zozp-zts/Specifikacija%20Istarski%20med%2026-4-2023.doc

https://www.gov.si/assets/ministrstva/MKGP/PODROCJA/HRANA/SHEME-KAKOVOSTI/CERTIFICIRANI-PROIZVAJALCI-IZBRANA-KAKOVOST/CERTIFICIRANI-PROIZVAJALCI-ZASCITENIH-KMETIJSKIH-PRIDELKOV/Istrski_med_Istarski_med.pdf